**Laqgħa mal-President tar-Repubblika**
**DAK LI NIXTIEQU GĦAL GŻIRA TAGĦNA**

Joseph Borg

Palazz ta' San Anton
It-Tlieta 1 Settembru 2020

---

Eċċellenza!

Nixtieq minn qalbi nirringrazzjak f'ismi u f'isem il-membri tal-kunsill u l-membri l-oħra tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, il-*Gozo Business Chamber*, li llum ilqajtna hawnekk biex tgħaddilna l-messaġġ tiegħek, tiddiskuti magħna u tismagħna.

Huwa zmien partikulari li għaddejjin minnu bħalissa. Suppost qed niddiskutu l-futur ta' pajjiżna wara l-pandemija, imma dak li aħna ħsibna li kienet saret xi ħaġa tal-passat, għadu magħna, u mid-dehra huwa destinat, almenu għalissa, li jibqa' magħna.

Meta tlabna l-laqgħa miegħek xi xhur ilu kien għadna kif temmejna ħidma fuq pjan li jesprimi x-xewqat tagħna għal gżira tagħna, Għawdex. Il-pandemija għallmitna ħafna, u għax aħna qed inqisuha bħala opportunita' u mhux xi diżastru, allura l-ħarsa tagħna hi biss waħda pożittiva. Hekk hi u hekk irriduha tibqa'. Anke dak li ġara wara jkompli jgħallimna. Iżda mportanti li t-tagħlimiet neħduhom u mhux inħalluhom għaddejin bhal daħna li tisparixxi jew żiffa li tgħaddi.

Matul il-pandemija sostnejna lill-membri tagħna billi tħabatna u għadna nitħabtu biex jingħataw l-għajnuniet ekonomiċi li kien u għad hemm bżonn, tħabatna wkoll biex in-negozji jiġu pprovduti b'likwidita' li ma tiswiex ħafna, tħabatna u qed inkomplu nitħabtu għal skemi li jgħinu lin-negozji anke fil-perjodu ta' wara l-Covid-19, meta jasal dan il-perjodu. Ħdimna u qed inkomplu naħdmu biex il-membri tagħna juru kuraġġ, resiljenza u determinazzjoni quddiem il-mewġ tal-pandemija li ġagħlitna lkoll ngħumu f'baħar li ma nafux.

X'tgħallimna mill-pandemija? Il-pandemija urietna b'mod car li meta wieħed jibda jghum b'baħar li ma jafux, ifittex ħerqan dak li jaf, dak li hu mdorri bih. U għalhekk rajna sinjali kbar ta' solidarjeta' bejnietna, bejnietna u l-kommunita' li ahna mdawwrin bija u erġajna lura għall-imħabba u l-għożża tal-ambjent tagħna. Erġajna skoprejna dak li verament jgħodd f'ħajjitna u dan ma rridux nitilfuħ.

Il-pjan li aħna fassalna huwa msejjes fuq żewġ kolonni li huma konsegwenza ta' fattur kruċjali. L-ekonomija ta' Għawdex fil-parti l-kbira tagħha tiddependi direttament jew

indirettament mit-turiżmu. Din l-imxija uriet kemm l-ekonomija tagħna hi fraġli...sewwa li jkollok settur tat-turiżmu li hu b'saħħtu imma m'huwiex sewwa li m'għandniex setturi oħra jibbilanċjaw. It-turiżmu irid jibqa' b'saħħtu imma flok il-kwantita' irridu naħdmu ħalli jkollna aktar il-kwalita'; jiġifieri turimu selettiv u mhux turiżmu tal-massa.

U dan jeħodna għat-tfittxija ta' setturi oħra li jibbilanċjaw. Kif diġa aċċennajt din l-imxija serviet biex il-bniedem naqqas mir-rittmu u d-dinja u n-natura setgħu jitgawdew aktar. Id-dinja reġgħet ħadet nifs ġdid. Hu għalhekk li mil-lum il-quddiem jeħtieġ jipprevali fl-għażliet tagħna, għażla favur l-ambjent, ekonomija mmexxija fuq l-importanza li għandha tingħata lill-enerġija rinnovabbli, rispett lejn in-nartura ta' madwarna. Fuq kollox dawn m'humiex ħlief għażliet favur il-bniedem, għażliet favur kwalita' ta' ħajja aħjar, għażliet favur ekonomija sostenibbli.

Ngħaddu għat-tieni kolonna. Aħna nemmnu li żvilupp qawwi fis-settur digitali kif ukoll dak finanzjarju huma l-akbar opportunita' ta' żieda f'ekonomija sostenibbli li Għawdex jista' jkollu. It-tieni fibre optic cable u d-Digital Innovation Hub li issa għandna jagħmlu dan ferm aktar possibbli. Imma l-Gvern irid jitħarrek biex dawn l-għodda issa jitħaddmu billi jagħti inċentivi ħalli dawn is-setturi jiġu lejn Għawdex.

Jekk għandna dawn il-pjani imħejjija, għalfejn ġejna fejnek, Eċċellenza. Aħna nafu li qed tismagħna b'attenzjoni u qegħdin hawn, għax nixtiequ l-appoġġ tiegħek għall-ħsibijiet tagħna. Jiġri kultant li Għawdex jitħalla għall-aħħar jew addirittura jintesa fil-pjanijiet tal-awtoritajiet. Aħna nitkellmu u ninħanqu nitkellmu. Ikollna bżonn xi minn daqqiet l-appoġġ anke tal-kap ta' l-istat biex jiġbed l-attenzjoni hu wkoll biex Għawdex ma jibqax fil-periferija.

Konvinti mill-għajnuna tieghek. Insellmulek u grazzi.